MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 50/1995/1

**George Portanier ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Portanier Brothers Limited**

**Vs**

**Joseph Micallef, personalment, u lill-Joseph Micallef u Anthony Ghio ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Golden Press Company Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi d-ditta attrici, ghal zmien twil, kellha diversi kuntratti mal-konvenut ghall-istampar minnu ta’ *labels* biex jintuzaw fuq il-flixken tal-minerali u xorb prodotti minnha;

Peress illi l-konvenut kien jiggustifika l-prezz gholi ghall-materjal minnu supplit, billi jallega li kien qed jimporta karta specjali mill-Brazil u li kien jaghti l-attenzjoni personali tieghu ghax-xoghol u b’hekk jiggarantixxi l-kwalita’ tal-prodott;

Peress illi fid-dawl ta’ dawn il-garanziji, d-ditta konvenuta kienet taccetta l-istimi tal-konvenut u thallas ghal prodott meta ssir il-konsenja;

Peress illi issa rrizulta lid-ditta attrici li dawn is-suppost garanziji kienu biss *mise-en-scene* da parti tal-konvenut biex jitlob prezz gholi u esagerat ghall-prodott konsenjat minnu;

Peress illi rrizulta li minn Awissu, 1992, sa Mejju, 1994, meta l-konvenut iccargja Lm160,013 ghax-xoghol tieghu, il-prezz gust u reali kellu jkun ta’ Lm75,839 u, ghalhekk il-konvenut irceva minghand id-ditta attrici s-somma ta’ Lm84,174; inadebitament;

Peress illi, ghalhekk, hemm lok ghar-refusjoni lid-ditta attrici tal-imsemmija somma ta’ Lm84,174;

JGHID il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din il-Qorti;

(1) tiddikjara li l-konvenut irceva hlas indebitu ghall-esekuzzjoni ta’ xoghol li wettaq fuq inkarigu tad-ditta attrici u dan minhabba ngann operat mill-konvenut fil-konfront tad-ditta attrici;

(2) tillikwida ghalhekk, l-ammont imhallas inadebitament lill-konvenut fis-somma ta’ Lm84,174 jew somma ohra verjuri li din il-Qorti tista’ tillikwida okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand, u

(3) tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lid-ditta attrici l-imsemmija somma ta' Lm84,174 jew dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

B'riserva ghad-danni sofferti mid-ditta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu, 1994, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hlas indebitu relattiv lill-konvenut, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 5 tal-process fejn eccepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici nkwantu diretti lejn l-eccipjenti Joseph Micallef personalment huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ir-relazzjoni kontrattwali relattiva kienet bejn l-attur noe u is-socjeta' konvenuta;

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjenti ma ircevew ebda hlas indebitu minghand l-attur noe, izda kull hlas li rcevew kien skond prezzijiet u kundizzjonijiet precedentement stabbiliti li kienu jikkostitwixxu ir-relazzjoni guridika u kummercjali bejn l-istess partijiet;

3. Illi fit-tielet lok isegwi illi ma hemmx ammonti x'jigu likwidati favur l-attur noe fil-konfront tal-eccipjenti;

4. Illi, assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, permezz ta' kawza ipprezentata quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Joseph Micallef et noe. vs. Avukat Dottor Francis Portanier et. Noe. Cit. Nru. 1586/94), l-eccipjenti noe qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' Lm97,960.31 bilanc naxxenti mill-istess relazzjoni kontrattwali li baqa' ma thallasx mill-attur noe, u ghalhekk ghandu ikun hemm lok ghal tpacija;

Salvi Eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

Din il-kawza kienet miexja kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi Joseph Micallef et noe vs Dr. Francis Portanier noe et (Citaz Nru 1586/94) deciza illum stess u li l-provi mismugha f'wahda kellhom jghoddu ghall-ohra stante li l-fatti huma l-istess u bejn l-istess partijiet.

**Talbiet**

L-atturi ghamlu dina l-kawza billi qed jippretendu li l-konvenuti kienu iddeffrodawhom b'eluf ta' liri fil-kontijiet u xoghol konness ma' l-istampar ta' *labels*, ghalhekk talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti ircevew hlas indebitu ghall-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol li wettqu.

**Eccezzjonijiet**

<u>Legittimu kontradittur</u>

Illi l-konvenut Joseph Micallef personalment wiegeb li r-relazzjoni kontrattwali relattiva kienet bejn l-attur noe u s-socjeta' konvenuta u mhux mieghu personalment.

Illi l-atturi harrku lill-konvenut Joseph Micallef personalment billi huma qed jallegaw li kien hemm frodi da parti tieghu u ghalhekk ghandu jwiegeb personalment u jigi kundannat solidaliment  ma' Golden Press.

Stante li l-allegazzjoni ta' l-attur noe ghad trid tigi ezaminata fil-mertu f'dina l-kawza, se jinghata provediment fuq dina l-eccezzjoni fl-ahhar tas-sentenza.

Fil-mertu l-konvenuti wiegbu li huma ma rcevew ebda hlas indebitu minghand l-attur noe u kull hlas li rcevew kien skond prezzijiet u kundizzjonijiet precedentement stabbiliti

li kienu jikkostitwixxu ir-relazzjoni guridika u kummercjali bejn l-istess partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

L-atturi xehedu li huma kienu juzaw is-servizzi tal-konvenuti ghal xoghol ta' *printing*. Meta hargu d-*drink* il-gdida "Kimara" kienet inqalghet problema legali ma' ditta ohra minhabba xebh fuq il-kulur krema tat-tiketta. Huma kienu lahqu rcevew  parti zghira biss mill-ordni kbira li kienu ghamlu lill-konvenuti ghal dawn it-tikketti meta nqaghlet il-problema. Ghalhekk kellhom jibdlu l-kulur tal-*label* malajr sabiex il-kompetituri taghhom ma jzommuhomx milli johorgu fis-suq. Il-konvenut Micallef pero' beda jsib diffikolta' biex jaghmel din l-ordni l-gdida malajr, billi beda jghid  li trid hafna xoghol u zmien biex igib il-karta mill Brazil. Biex jaghmillhom pjacir u jaqdihom malajr qallhom li kien se jaghmel parti zghira u  juza karta li hu qal li kienu juzaw ghal tal- Coca Cola.

L-atturi saru jafu li mhux veru li l-printing ma jistax isir f'qasir zmien u skoprew ukoll li l-konvenuti kienu ilhom jiccargjawhom izzejjed zmien twil qabel inqalet dina l-kwistjoni.  Skoprew  li mhux veru li Micallef kien qed igib karta mill-Brazil jew li kien jaghmel xoghol ghal Coca Cola u li dawn kienu kollha skuzi. Ghalhekk l-atturi qalu lill Micallef biex ma jkompliex bl-ordni u li dak li kien tieghu huma kienu lesti li jaghtuhulu imma dak li kien taghhom huma riduh lura. Micallef qalhom li t-tikketti krema tal-Kimara kienu lesti u ried jithallas taghhom. L-atturi tawh sa l-ghada biex igibilhom it-tikketti li kien lesta biex jithallas izda ma hadilhom qatt  xejn.

L-atturi qed jissottomettu li l-konvenuti ghamlu rappresentazzjonijiet foloz biex jiggustifikaw prezz aktar gholi minn normal u wara rrizultalhom  li l-prezz rejali kien ta' Lm84,174 inqas minn dak li fil-fatt hallset is-socjeta' attrici. Huma esebew *statement* ta' dina l-istima Dok E a fol 39 li turi d-differenza fil-prezzijiet li huma ottjenew minghand Lewis Press.

L-atturi jirritjenu li l-kunsens taghhom kien vizzjat u li hemm ir-rekwiziti li trid il-ligi biex ikun hemm vizzju ta' kunsens kemm minhabba (1) l-intenzjoni ta' Micallef li jqarraq kif ukoll billi (2) l-qerq kien gravi u mhux semplici ftahir normali fil-kummerc.

X'tghid il-ligi

L-artikolu 974 tal-Kodici Civili jipprovvdi li:

"*Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'eghmiel doluz, ma jkunx jiswa*".

L-Artikolu 981 tal-Kap. 16 jipprovdi s-segwenti:-

*"(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."*

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1919, Vol. XXIV.i.203 fl-ismijiet **Innocenzo Galea vs M. Zammit**, gew insenjati l-principji kardinali fir-rigward tad-dolo f'materja civili. Dawn kienu s-segwenti:

1. li l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim. **(Teresa Galea vs Salvatore Bonnici** Vol. X.592 u **Alice Cassar Torreggiani vs Albert R. Manche** App. Civ. 17 ta' Marzu 1958, Vol. XLII.i.126);

2. l-ezistenza ta' element specifiku kostitwit mill-ingann uzat. **(Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay** Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1921, Vol. XXIV.ii.578);

3. In-necessita' tal-prova tad-dolo jew frode minn min jallegah. **(Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti** , Prim'Awla, 4 ta'Frar 1965, Vol. XLIX.ii.722, **Joseph Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo** Appell Civili, 14 ta' Mejju 1971)

L-atturi ghalhekk iridu jippruvaw li kien hemm l-elementi rikjesti mill-ligi biex ikun il-qerq u li l-konvenut adopera mezzí frawdolenti biex igieghlhom jiehdu s-servizzi tieghu.

L-atturi jsostnu li d-dolo jikkonsisti fil-misrapprezentazzjoni li esercita l-konvenut Joseph Micallef u fosthom kien hemm: il-gideb sfaccat da parti ta' Joseph Micallef u falsifikazzjoni ta' l-origini ta' prodott li bhala konsegwenza huma sofrew danni gravi fl-ammont ta' Lm84,000. Kieku ma kienx ghal dawn l-inganni u raggiri ma kienux jikkunttrattjaw mal-konvenuti.

L-atturi semmew wkoll ezempji: li mhux veru li l-karta li kien qed juzaw il-konvenuti kienet specjali jew li kienu jimpurtawha mill-Brazil kif dejjem kien jghid Joseph Micallef, imma kienet biss skuza biex jehdilhom aktar flus; li ma kienx vera li l-konvenut Joseph Micallef kien jahdem ghal Coca Cola jew li dawn kienu juzaw karta li hu suppost kien igib mill Brazil; l-atturi jsostnu li Joseph Micallef ma kienx qed jghid il-verita' meta kien jghid li kien igib karta specjali ghalihom mill-Brazil u li l-karta kien juzaha ukoll ghal *labels* tal-Coca Cola jew fejn semma li Ian Mizzi ghamel xi zmien jistampa l-*labels* ghand *printer* iehor izda wara ftit kien mar lura jibki ghandu biex jerga jahdimlu. Ian Mizzi xehed li lanqas jaf lill Micallef. Lanqas ma kien vera dak li semma Micallef li l-*bulk discount* li kien jiehu fuq il-karta kien jaghtiha lill atturi u mhux lill tal-Coca Cola u b'hekk il-*labels* taghhom jigu irhas. Irrizulta lill-atturi li Joseph Micallef kien jaghmel *sub-contracting* tax-xoghol minghajr il-kunsens taghhom u li ghalhekk il-*printing* ma kienx isir ghand il-Golden Press.

L-atturi pprezentaw id-Dok E – prospett – biex jiggustifikaw u jikkwantifikaw il-pretiza taghhom ghas-somma ta' Lm84,174 li jghidu li l-konvenuti ccargjawhom indebitament. Il-konvenuti qed jikkontestaw dan id-dokument u jsostnu li dan ma jikkostitwixxi prova legalment valida.

Il-Qorti ezaminat dan id-dokument izda ma jirrizultax jekk il-materjal uzat u x-xoghol kif kompletat kienx materjalment l-istess bhal dak li kien ghamlu l-konvenuti. Lanqas ma gie prodott xi hadd minn Lewis Press biex jikkonferma l-ammonti imnizzel u kif wasal ghal dawk il-figuri. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dwar is-somma mitluba ma hemmx prova konkludenti li fuqha l-Qorti tista' tiddeciedi kemm attwalment kienet id-differenza fil-prezz kieku stess kellu jigi accettat li l-atturi gew defrawdati.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk l-atteggjament ta' Joseph Micallef, partikolarment, kienx qerq tant gravi li imur oltre dak il-ftahir jew hazen normali fil-kummerc.

Illi gie deciz fis-sentenza Rev Sac. Don. F.Zammit et vs Av. Dr. A. Farrugia et 31.3.67 li:

"Ir-raggiri uzati minn wahda mill-partijiet iridu jkunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta u din il-prova tispetta lill-atturi. Stante li d-dolo hu kkunsidrat bhala vizzju tal-volonta' hu ragjonevoli li ma jkunx kawza ta' nullita' hlief in kwantu jkun ezercita influwenza deciziva fuq id-dikjarazzjoni tal-volonta' tal-kontrajenti. Mid-diversi distinzjonijiet tal-dolo elaborati fid-dottrina, wahda ghandha verament u partikolarment rilevanza in bazi tal-kodici taghna, jigifieri dik bejn id-dolo determinanti u dak li ma jkunx tali. Jekk fir-raguni u l-logika d-distinzjoni hi cara, mhux dejjem tipprezenta ruhha facili fl-applikazjzoni taghha. Id-dottrina u l-gurisprudenza jidhru orjentati lejn apprezzament tad-dolo in concreto, jigifieri b'riferenza ghal is-stato d'animo tal-vittima specifika. Min-naha l-wahda il-gudikant irid jikkunsidra l-intenzjoni tal-vittma in-relazzjoni ghar-ragunijiet li ddeterminaw il-kunsens u min-naha l-ohra il-grad ta' inesperjenza jew inavvertenza ta' l-istess vittima".

Illi jirrizulta mill-provi li originarjament l-attur George Portanier kellu problema b'certi *labels* li ma kienux qed jehlu sewwa fuq il-fliexken ta' Aquadot. Il-konvenut kien sablu soluzzjoni u minhabba f'hekk u minhabba l-biza li jerga jigru l-istess u jinghata prodott mhux tajjeb, kien jafda lill Micallef, li min naha tieghu kien jirnexxilu

jipperswadi lill attur b'dak kollu li kien jghidlu fuq il-prodott li ried ibieghlu. L-attur xehed li kien lest li jhallas xi haga izjed basta li jkun cert mill-kwalita' tajba. Minhabba l-esperjenza hazina li kien garrab meta kienu jaqghu l-*labels* ta' l-Aquadot, l-attur kien jemmen lill konvenut Joseph Micallef fuq dak li kien jghidlu. Joseph Fava wasal biex xehed li Ghio u Micallef kienu jghollu l-prezzijiet billi Portanier kien jibla' kollox.

Jirrizulta mill-provi prodotti li meta l-atturi kienu jaghmlu ordni l-konvenuti kienu jaghtuhom *sample* u meta l-atturi jivverifikawha u kienu jaraw li kienet sodisfacjenti kienu jaghmlu l-ordni (ara xhieda a fol 115 ta' George Portanier).

L-ordni kienet tinghata wara li ssir prova materjali tal-karta fil-fabbrika ta' l-atturi. Meta l-atturi kienu jaccettaw il-prova kienet issir l-ordni. George Portanier xehed li Micallef kien jghaddilhom "*blank labels*" biex jippruvahom fuq il-makna. Ir-rizultat kien ikun sodisfacjenti u ghalhekk kienu jaghmlu l-ordni (fol 20). L-ghalza tas-servizzi tal-konvenuti kienet f'idejn l-atturi u meta kien hemm okkazzjonijiet fejn huma rinffaccjaw lill konvenut Joseph Micallef b'*quotations* irhas dan kien jghidilhom li jekk ma joghobohmx il-prezz kienu liberi li jmorru ghand haddiehor. Izda xorta ordnaw minghandu. Dan id-diskors gie konfermat mill-atturi stess, ghalkemm jghidu li l-konvenut kien jikkonvincihom biex jiehdu is-servizzi tieghu billi jsemmi x'kien jigrilu haddiehor.

Il-konvenuti kienu f'posizzjoni li jkunu jafu l-prezz minn qabel kif ukoll kienu jafu x'tip ta' karta se jordnaw ghalhekk huma kienu liberi li jghazlu jiehdux is-servizzi tal-konvenuti jew le u ma kienx hemm pressjoni fuqhom li ma kellhomx xelta. Dak li kien jghidilhom il-konvenut setgha facilment jigi verifikat mill-atturi qabel jordnaw u setghu jfittxu post iehor kieku kien jaqbillhom aktar. L-atturi kienu ditta b'esperjenza kbira fil-kummerc, immexxija minn diretturi u *consultants*, u dawn ma kienux l-ewwel ordnijiet li ghamlu.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-agir tal-konvenut Joseph Micallef ma kienx tant gravi li kellhu jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt. Ma gietx ezercitata influwenza tant deciziva fuq l-atturi li huma ma kienux liberi li jaghzlu jiehdux is-servizzi tal-konvenuti b'tali mod li l-volonta' taghhom giet vizzjata. Il-hazen uzat fic-cirkostanzi konkreti tal-kaz in ezami ma kienx determinanti biex jivvizzja l-kunsens.

Ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.
Il-konvenut Joseph Micallef personalment qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------